**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, il-15 ta' Dicembru 2022**

Kaz Nru: 84/2013

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Spiridione Zammit)

**kontra**

**VICTOR DEGABRIELE**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 191384(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Victor Degabriele** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena bin Peter u Marianna nee' Camilleri imwieled Pieta fl-1 ta' Frar 1984 u joqghod 10 Triq il-Konservatorju, Bormla detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 191384M, akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju 2009 u xhur qabel din id-data f'Bormla u f'dawn il-Gzejjer;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma

kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzijonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentment emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikati fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali mod li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu.
3. Ikkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta datat l-14 ta' Gunju 2007.
4. Kiser il-provvediment moghtija lilu nhar is-7 ta' Dicembru 2006 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Dr. A. Vella LL.D.).
5. B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. Tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

[1] Fol. 7 tal-atti processwali
[2] Fol. 119 tal-atti processwali

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta li saret fl-udjenza tal-4 t'April 2022;

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-pulizija kienet irceviet rapport minghand il-genituri ta' certu Dylan Degiorgio, li dak iz-zmien kellu biss l-eta' ta' sittax-il sena, li ma kienx irritorna d-dar mit-tlieta u nofs ta' filghodu tat-2 ta' Gunju 2009. Irrapurtaw ukoll li kienu sabu l-playstation nieqsa. Mill-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija rrizulta ukoll li Dylan Degiorgio kien jaghmel uzu minn sustanzi illeciti. In segwietu ghal dan ir-rapport saret spezzjoni gewwa r-residenza 35, Triq il-Konservatorju, Cospicua, fejn hemmhekk instab Dylan Degiorgio flimkien ma tlett persuni ohra – Bradley Carabott, Karl Wilson u l-qua imputat Victor Degabriele. Minn tfittxija li saret gewwa din ir-residenza, l-pulizija sabu l-playstation li kienet giet irrapurtata nieqsa mir-residenza ta' Degiorgio. Meta Dylan kien gie mitkellem huwa kkonferma li kien ha l-playstation mir-residenza tal-genituri tieghu u li kien ghaddieha lill-qua imputat bi tpartiet ghal nofs gramma smack. F'dan l-istadju Dylan Degiorgio kien inghata *police bail*.

Ftit jiem wara u cioe' fit-8 ta' Gunju 2009 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu, l-pulizija kienet regghet giet infurmata li Dylan Degiorgio kien reggha seraq xi oggetti mir-residenza tal-genituri tieghu (fosthom xi DVDs u flus). Sussegwentament, dak inhar stess iktar tard, omm Dylan Degiorgio kienet infurmat lill-pulizija li zewgha (Mario Degiorgio) kien mar Borma jfittex lill-qua imputat b'sikkina fil-but. Il-pulizija marru hemmhekk fejn irnexxielhom jintraccaw u jarrestaw lil Mario Degiorgio. Dylan Degiorgio kien mar l-ghassa tal-pulizija dakinhar stess filghaxija u gie mressaq fuq diversi akkuzi anke akkuzi relatati ma serq fuq kwerela li saret minn missieru fi proceduri separati.

Il-qua imputat, Victor Degabriele gie mressaq il-Qorti bl-akkuzi hawn fuq imsemmija u dan talli allegatament traffika d-droga lil Dylan Degiorgio, ghal-liema droga Degiorgio kien hallas bil-playstation.

Nhar l-20 ta' Dicembru 2009, Victor Degabriele kien gie mitkellem mill-pulizija fejn innega kollox u ddikjara li l-imsemmija playstation kien xtraha minghand Dylan Degiorgio ghall-prezz ta' Eur. 140.

Fil-proceduri odjerni, Dylan Degiorgio ha l-pedana tax-xhieda darbtejn wara li l-proceduri fil-konfront tieghu saru res judicata. Fix-xhieda tieghu Degiorgio jikkonferma li huwa kellu problema tad-droga u lill-qua imputat jafu bhala habib tieghu li kien zammu ghandu meta darba kien telaq mir-residenza tal-genituri tieghu. Ghal diversi drabi huwa nnega li qatt xtara d-droga minghand il-qua imputat. Rigward il-playstation, huwa jghid li kien hadha ghand Degabriele biex joqghodu jilghabu biha izda imbaghad il-qua imputat kien ried jixtriha. Ikkonfrontat bl-istqarrija li huwa kien ta lill-pulizija lura fis-sena 2009, huwa qal li dak inhar kien gideb ghax beda jibza minn missieru u li kien propju missieru li kien qed jippressah sabiex jghid li Victor kien ghaddhielu d-droga.

Victor Degabriele ghazel jixhed minn jeddu u qal li huwa dak iz-zmien kien jikkonsma l-ismoke u wara kien beda jikkonsma l-kokaina. Ddikjara li issa ilu madwar hames snin clean. In konnessjoni mal-proceduri odjerni, Degabriele qal li Dylan Degiorgio kien gie ghandu (tramite habiba komuni – Wendy) u qallu li ma ghandux fejn joqghod u kien hallih joqghod ghandu. Kien infurmah ukoll li ghandu playstation u saqsieh jekk kienx jaf lil xi hadd li ried jixtriha. Jghid li kien qablu fuq prezz u xtraha hu. Jghid li huwa qatt ma kellu smack u l-iktar li kellu kien smoke. Qal ukoll li eroina huwa qatt ma uza.

B. <u>Kwistjonijiet Preliminari – Stqarrija tal-imputat</u>

Mill-atti processwali jirrizulta li din l-istqarrija giet irrillaxata nhar l-20 ta' Dicembru 2009 lill-ispetturi Spiridione Zammit u Jesmond J. Borg u dana wara li l-imputat inghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju. Jidher ukoll mill-atti processwali li huwa ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali. La qabel u lanqas waqt l-istqarrija. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza legali. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt tal-assistenza legali kienet li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan it-tip ta' dritt. Min qari tal-istess stqarrija ma jirrizultax li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu madanakollu jistgha jkun hemm xi divergenzi bejn il-verzjoni li ta fl-istqarrija u dik mghotija bil-gurament li tistgha taffettwa b'mod negattiv il-kreddibilita' tal-istess imputat. Irid jinghad ukoll li ghalkemm il-qua imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda huwa fl-ebda hin ma kkonferma l-verzjoni li ta lill-pulizija permezz tal-istqarrija hawn fuq imsemmija. Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta'

gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[3]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet</u>

Illi permezz tal-imputazzjonijiet odjerni, Degabriele jinsab akkuzat fl-ewwel lok tali traffika s-sustanza herojina u tali kien fil-pussess tal-herojina f'cirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Irid necessarjament jinghad li l-qua imputat fl-ebda hin ma nstab fil-pussess tal-herojina u li dawn l-imputazzjonijiet huwa unikament imsejjsa fuq dak li Dylan Degiorgio kien stqarr mal-pulizija fl-istqarrija li huwa kien rrillaxxa lura fid-9 ta' Gunju 2009[4]. Ta' min jinnota li din l-istqarrija ma jidhirx li f'xi istanza kienet giet ikkonfermata bil-gurament. F'din l-istqarrija Degiorgio kien stqarr li l-qua imputat tah nofs gramma smack (herojina) filwaqt li huwa kien hallsu billi tah il-playstation.

Dylan Degiorgio ha l-pedana tax-xhieda diversi drabi fil-proceduri odjerni u f'kull istanza Degiorgio ddikjara li huwa qatt ma xtara droga minghand l-qua imputat. Fir-rigward tal-playstation huwa jghid li kien bieghielu. Minkejja li gie kkonfrontat bl-istqarrija li huwa kien irrillaxxa huwa fl-ebda hin ma kkonferma l-istess stqarrija anzi qal li huwa kien ddikjara l-falz fl-istqarrija minhabba xi pressjoni li dak iz-zmien kien qed jaghmel missieru. Konsegwentament l-unika prova in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Victor Degabriele hija l-verzjoni li ta' Dylan Degiorgio fl-istqarrija tieghu lill-pulizija u mhux ix-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Qorti. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: <u>Il-Pulizija vs. Victor Gauci</u>[5] nghad:

> *"Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk,*

---

[3] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

[4] Fol. 75 tal-atti processwali.
[5] Mghotija fis-26 ta' Jannar 2001

*tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-istqarrija tax-xhud Dylan Degiorgio, tista' tigi uzata biss ai fini ta' kreddibilita' ta' l-istess xhud. L-istess stqarrija ma ghandha l-ebda valur probatorju ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-qua imputat.

Stabbilit dan u fin-nuqqas ta' provi ulerjuri, din il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova li tista' torbot lill-qua imputat mal-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' traffikar u pussess aggravat tal-herojina. Konsegwentament ser jigi illiberat minn dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Degabriele jistghu jirrizultaw jekk fl-ewwel lok din il-Qorti issib reita' ghall-ewwel zewgt imputazzjonijiet migjuba kontrieh. Konsegwentament fid-dawl tal-konkluzzjoni ragunta minn din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet Degabriele ser jigi illiberat ukoll minn dawn l-akkuzi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat Victor Degabriele mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrieh u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur